MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 368/2006/1

**Rita Vella**

**v.**

**Michael Vella**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attrici Rita Vella pprezentat fis-7 ta' Novembru 2006, li jaqra hekk:

"1. Illi l-partijiet iżżewġu fit-22 ta' April 1984 u minn dan iż-żwieġ kellhom żewġt itfal, u ċjoe' George li huwa illum maġġorenni u Lindsay li għandha tnax-il (12) sena;

“2. Illi minħabba sevizzi, eċċessi, adulterju, theddid u nġurji gravi da parti tal-intimat versu r-rikorrenti u minħabba inkompatibbilta’ ta’ karattru l-ħajja matrimonjali m’għadhiex aktar possibbli;

“3. Illi qabel ma ġiet preżentata din il-kawża, din l-Onorabbli Qorti kienet fuq talba tar-rikorrenti ordnat lil intimat permezz ta’ digriet numru 1454/06 (*vide* kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok RV 1) iħallas *pendent elite* lir-rikorrenti l-ammont ta’ mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar rappreżentanti manteniment għaliha u disgħin lira Maltin (Lm90) fix-xahar rappreżentanti manteniment għall-minuri;

“4. Illi l-intimat huwa *self-employed* u jiġġestixxi *butcher* u għalhekk hemm lok illi huwa jħallas manteniment xieraq lir-rikorrenti li ma taħdimx (kienet tgħin lil żewġha fl-operat tal-ħanut) sija għaliha u sija għal bintha minuri;

“5. Illi jkun fl-aħjar interess tal-minuri Lindsay illi l-kura u kustodja tagħha tiġi fdata f’idejn l-omm ir-rikorrenti;

“6. Illi r-rikorrenti tixtieq ukoll illi l-komunjoni tal-akkwisti tiġi xolta u likwidata u l-beni parafernali u dotali tagħha jiġu lilha restitwiti;

“7. Illi fil-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti jrid jittieħed in konsiderazzjoni li r-rikorrenti u bintha minuri m’għandhomx fond residenzjali alternattiv għal fond illum matrimonjali tal-partijiet;

“8. Illi r-rikorrenti qed tistitwixxi din l-istanza bis-saħħa ta’ l-awtoriżżazzjoni ottenuta minn din l-Onorabbli Qorti permezz ta’ Digriet Nru: 1632/06 (*vide* kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok RV 2);

Jgħid għalhekk l-intimat il-għaliex m’għandhiex dina l-Onorabbli Qorti prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni meħtieġa u opportuna, u għar-raġunijiet fuq imsemmija:

"1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Vella u dana minħabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimat kif fuq spjegat;

"2. Tafda f'idejn ir-rikorrenti l-kura u kustodja legali ta' binthom minuri Lindsay Vella;

"3. Tikkundanna liill-intimat iħallas lir-rikorrenti manteniment xieraq skond il-liġi għaliha u għal binthom minuri bil-modalita' ta' jum, ħin u lok li jiġu wkoll fissata u liema manteniment għandu jiżdied kull sena skond l-indiċi ta' l-għoli tal-ħajja;

"4. Tiddikjara li l-intimat ddekada mid-drittijiet tiegħu kontemplata fl-Artikolu 48 (1) (a), (b) u (d) tal-Kodiċi Ċivili;

"5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tillikwidaha u taqsamha f'żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati lil kull wieħed u waħda mill-kontendenti bl-applikazzjoni tal-artikoli 48 (1) (c) u 51 tal-Kodiċi Ċivili u b'konsiderazjoni tal-fatt li r-rikorrenti u bintha m'għandhomx fond residenzjali alternattiv għall-fond illum matrimonjali tal-partijiet;

"6. Tikkundanna lill-intimat sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni parafernali u dotali tagħha u fin-nuqqas jiġi kkundannat iħallasha l-valur stabbilit tal-istess oġġetti bin-nomina okkorrendo ta' periti, filwaqt li tinnomina nutar sabiex jirċevi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċja tal-intimat fuq l-istess att;

"Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta tal-konvenut Michael Vella li in forza taghha eccepixxa:

"1. Illi filwaqt li huwa minnu li hemm lok li tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet

kontendenti, mhux minnu li huwa l-esponent li jaħti għas-separazzjoni kif qed jiġi allegat mir-rikorrenti martu. Kienet l-imġieba tal-istess martu li wasslet biex iż-żwieġ tfarrak irrimedjabbilment.

"2. Illi għar-rigward tat-tieni talba attriċi, l-esponent jgħid li martu m'għandhiex tkompli tippreklud li lil bintu Lindsay milli tibni relazzjoni ma' missierha kif jixraq.

"3. Illi għar-rigward tat-tielet talba attriċi, jingħad li mart l-esponent mhux biss hija obbligata skond il-liġi li tikkontribwixxi bix-xogħol tagħha iżda li wkoll bħala fatt qegħda taħdem.

"4. Illi m'hemmx lok għad-dekadenza mitluba skond ir-raba' talba attriċi.

"5. Illi għar-rigward tal-ħames talba attriċi, hemm qbil li l-komunjoni tal-akkwisti tiġi xjolta u likwidata b'dan illi kull parti tirċievi s-sehem li jistħoqqilha.

"6. Illi għar-rigward tas-sitt talba attriċi, kull parti hija ntitolata li tirċievi lura dak li jirriżulta li ġie versat jew kontribwit minnha fiż-żwieġ parafernalment."

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja fl-24 ta' Gunju 2011, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

"1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti iżda b'tort prinċipalment tal-konvenut u tawtoriżżahom jgħixu separatament;
"2. Tilqa t-tieni talba u taffida l-kura u kustodja tal-minuri Lindsay lill-attrici;

"3. Tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi manteniment ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) fix-xahar għall-attriċi stess, u mija u ħamsin Ewro (€150) għall-minuri kull xahar;

"4. Tilqa' r-raba' talba;

"5. Fir-rigward tal-ħames talba, tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi tassenja lill-attriċi l-fond 55, 'Croydon', Triq il-Port Ħieles, Birżebbuġia, u l-fond 'Croydon', Triq San Edwardu, Birżebbuġia bl-avvjament b'kollox u l-art fl-arja denominat Ta' Ranzija limiti ta' Birżebbugia lill-konvenut. Tassenja wkoll lill-konvenut il-kontijiet b'bankarji numru 13501259020 u 17303103011 it-tnejn mal-Bank of Valletta, f'ismu stess, u numru 40012846555 u 40015503918 (it-tnejn H.S.B.C. Bank) f'isem l-attriċi; il-kontijiet l-oħra kompriż in-numru 40012040830 (H.S.B.C. f' isem l-attriċi) kif ukoll kull kont ieħor lokali u esteru għandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet; l-attriċi għandha tħallas in ekwiparazzjoni s-somma ta' sitt mija u ħamsa u ħamsin Ewro (€655.26); tassenja lill-konvenut il-vettura Toyota Hilux u lill-attrici l-vettura Toyota Yaris; tordna li *occorrendo* l-beni mobbli fid-dar konjugali jiġu stmati minn Joseph Ciliberti nominat appożitament u jinqasmu bis-sorteġġ billi kull parti tieħu nofs il-valur u jekk ikun hemm lok titħallas ekwiparazzjoni;

"6. Taħtar lin-Nutar Dottor Silvana Borg Caruana biex tippubblika l-att relattiv u l-Avukat Dottor Sandro Lia bħala kuratur tal-eventwali kontumaċji; il-kuntratt għandu jiġi pubblikat f'data li tiġi ffissata mill-Qorti fuq talba tal-istess Nutar jew xi ħadd mill-partijiet u l-ispejjeż tal-kuntratt għandhom jitħallsu mill-partijiet f'ishma ndaqs. Tilqa' wkoll is-sitt talba fis-sens li tordna li jiġu ritornati lill-attriċi l-oġġetti ndikati a fol 114 tal-proċess.

"7. L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu terz ($^{1}/_{3}$) mill-attriċi u żewġ terzi ($^{2}/_{3}$) mill-konvenut."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi kif ġia' ngħad l-attriċi qed titlob is-separazzjoni minn ma' żewġha l-konvenut għas-soliti raġunijiet. Il-partijiet jaqblu li għandhom jisseparaw iżda jwaħħlu f'xulxin għal dan. Il-kawża naturalment kienet kontestata ħafna u l-Qorti setgħet tara li l-partjiet irrispondew lil xulxin diversi drabi dwar l-allegazzjonijiet li għamlu fil-konfront ta' xulxin. Hawnhekk għandu jingħad li t-tifel li kellhom il-partijiet

miż-żwieġ huwa maġġorenni u allura l-Qorti m'għandhiex deċiżjonijiet x'tieħu fir-rigward. Mill-banda l-oħra t-tifla issa għandha sbatax il-sena u għalhekk anke jekk għadha minuri ma hemmx lok li wieħed jintilef fir-rigward tal-kura u kustodja u aċċess fir-rigward tagħha.

**"TORT**

"Illi kif ġia' ngħad il-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż-żwieġ; l-attriċi fl-affidavit tagħha tgħid li l-konvenut uża vjolenza fuqha diversi drabi, u din il-vjolenza kienet kemm fiżika (kif ikkonferma George, it-tifel tal-partijiet li qal li ommu ma setgħetx tissaporti iżjed is-swat speċjalment fir-rigward tiegħu stess. Id-depożizzjoni tal-imsemmi George Vella tidher veritjiera u għalkemm il-partjiet it-tnejn spiċċaw jgħixu f'*'sistema costante di vessazione e di disprezzo,di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune*'. (**"Caterina Agius vs Benedict Agius"** – Prim' Awla 13 ta' Ġunju 1967), huwa l-konvenut li bl-atteġġjament tiegħu kien l-iktar responsabbli fir-rigward. Ta' min iżid li skond ħabib tal-familja David Burke (fol 443), iż-żewġ partijiet huma 'nervużi' u jirrispondu spiss lil xulxin u allura dan seta' kien ta' kontribut għall-problemi bejniethom.

**"MANTENIMENT**

"Għandu jingħad illi l-Qorti kienet tat digriet fejn akkordat manteniment ta' mitt lira (Lm100) għall-attriċi u disgħin lira (Lm90) għall-minuri. Minn dak iż-żmien l-attriċi ħadmet saltwarjament iżda issa jidher li ma hijiex impjegata filwaqt li l-minuri li issa għandha sbatax il-sena għadha qed tistudja. Il-qliegħ tal-konvenut ma jidhirx li kellu tibdil sostanzjali minn dak iż-żmien. Għalhekk il-Qort se takkorda manteniment ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250)għall-attrici, u mija u ħamsin Ewro (€150) għall-minuri fix-xahar.

**"PROPRJETA' (beni immobbli);**

"Illi lejn l-aħħar tal-kawża ġie ppreżentat rapport tal-AIC Mario Cassar, <u>inkarigat miż-żewġ partijiet</u>, a fol 428 tal-

proċess li ma ġiex naturalment kontestat, salv dak li se jingħad aktar il-quddiem. Dan ir-rapport jikkonsisti fi stimi tal-proprjetajiet li għandhom in komuni l-partijiet, u ċjoe' formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

"Illi l-partijiet kienu jgħix fid-dar matrimonjali tagħhom bl-isem 'Croydon', Government Housing Estate, Birżebbugia, (issa 55, Triq il-Port Ħieles, Birżebbugia), liema fond ġie stmat mitejn u sebgħin elf Ewro (€270,000); skond il-perit imsemmi l-proprjeta' hija komodament diviżibbli f'żewġ *maisonettes*, iżda jekk isir dan il-prezz globali tagħha jonqos sew. F'dan ir-rigward is-sentenza fil-Vol. XXXIII-I-329 mogħtija mill-Qorti tal-Appell qalet illi: *"jkun hemm diskapitu fil-fond anke meta bid-diviżjoni materjali jiġi deprezzat il-valur ekonomiku tiegħu."*

"Illi l-konvenut jiġġestixxi ħanut tal-laħam (Butcher Shop) ukoll bl-isem ta' 'Croydon', f'St. Edward Street Birżebbugia li l-perit stmah mija u sebgħin elf Ewro (€170,000). F'dan ir-rigward l-espert komputista għamel tlett stimi; il-valur tal-avvjament huwa tmintax-il elf, tmien mija u sitt Ewro (€18,806); dak tal-avvjament u l-istokk tlieta u għoxrin elf u erba' mija u sitt Ewro (€23,406), filwaqt li l-valur tal-avvjament, stokk u l-fond huwa disgħa u sittin elf, erba' mija u sitt Ewro (€69,406). Illi dan għaliex il-fond ġie stmat sitta u erbgħin elf Ewro (€46,000) minn perit *ex parte* (AIC Joseph Zerafa Boffa). Billi eventwalent il-partijiet konġuntivament inkarigaw lill-perit Cassar, il-Qorti se tadotta l-istima tiegħu u għalhekk il-valur tal-ħanut bl-avvjament u stokk jiġi jiswa mija u tlieta u disgħin elf, erba' mija u sitt Ewro (€193,406).

"Illi l-partjiet għandhom ukoll għalqa fl-art denominata Tar-Ranżija limiti ta' Birżebbuġia, barra miż-żona tal-iżvilupp li hija stmata sebgħin elf Ewro (€70,000).

"Illi l-Qorti jidhrilha li jkun aħjar għal kulħadd li l-konvenut iżomm il-ħanut b'kollox biex ikun jista' jibqa għaddej bin-negozju tiegħu. Huwa ċar li jekk jiġi assenjat ukoll l-għalqa il-valur ta' dawk il-propjetajiet jiġu viċin il-valur tad-dar konjugali, u filwaqt li tapprezza li se jkun diffiċli għall-partijiet biex jibdew ħajjithom mill-ġdid tkun kif tkun il-

qasma, jidhrilha li dan ikun aħjar milli tordna l-bejgħ in subbasta tad-dar għaliex b'hekk l-attriċi tkun tista' tbiegħ id-dar fis-suq liberu (jekk jidhrilha li jkun aħjar għaliha), u allura jkollha ċans aħjar biex iġġib prezz tajjeb milli kieku l-fond jinbiegħ taħt l-Awtorita' tal-Qorti. Il-Qorti tifhem li dan jista' jsarraf fi problema għall-konvenut iżda billi se jiġi assenjat il-ħanut u l-għalqa l-Qorti jidhrilha li jista' jibqa' jaħdem fil-ħanut u jkollu kapital li għalkemm żgħir (ir-rikavat li jista' jkollu mill-bejgħ tal-għalqa), bih ikun jista' jakkwista post fejn joqgħod. Fuq kollox anke jekk il-fond jiġi mibjugħ taħt l-Awtorita' tal-Qorti, il-konvenut kien ikollu jsib fejn joqgħod bil-possibbilta', li anke hu jkollu inqas flus f'idejh biex jerġa' jibda ħajtu.

**"(Beni mobbli):**

"Vetturi – l-attriċi għandha fil-pussess tagħha Toyota Yaris li se tiġi assenjata lilha, u l-konvenut Toyota Hilux li se jiġi assenjat lilu in mankanza ta' stimi.

"Illi l-partijiet għandhom xi kontijiet bankarji li billi huma ta' entita' modesta li se jiġi mqassma b'mod li l-konvenut jieħu għalih il-kontijiet kollha *eccetto* wieħed li għandu jinqasam u dan biex jagħmel tajjeb parzjalment għall-fatt li l-immobbli assenjat lill-attriċi jiswa sitt elef, ħames mija u erbgħa u disgħin Ewro (€6,594) aktar minn dawk assenjati lill-konvenut. L-attriċi jibqagħlha allura tagħtih is-somma ta' sitt mija u ħamsa u ħamsin Euro u sitta u għoxrin ċentenżmu (€655.26c).

"Illi rigward mobbli l-unika riferenza li hemm fil-kawża hija a fol 114 fejn hemm lista ta' oġġetti li l-attriċi xehdet li huma parafernali tagħha u li qegħdin id-dar konjugali. Billi l-konvenut dan ma kkontestax allura l-oġġetti għandhom jiġu ritornati lill-attriċi. Il-Qorti biex tevita vertenzi oħra li se tordna li jekk hemm xi oġġetti oħra mobbli fid-dar dawn għandhom jinqasmu b'mod li kull parti jkollha l-istess valur."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Michael Vella, li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

"...tvarja u tirriforma l-istess sentenza billi filwaqt li tikkonfermaha fejn giet akkolta t-tieni talba attrici parzjalment it-tielet talba attrici sa fejn tirrigwarda lill-minuri Lindsay, tirrevokaha u thassaraha fil-bqija taghha u minflok

"(1) tippronunzja s-separazzjoni bejn il-partijiet bi htija primarjament tal-attrici;

"(2) tiddeciedi illi l-istess attrici m'hijiex intitolata li tkun mantnuta mill-esponent;

"(3) tichad ir-raba' talba attrici;

"(4) tillikwida u tiddividi l-assi tal-partijiet, tenut kont ta' kull kreditu parafernali spettanti wkoll lill-esponent, b'mod xieraq u kompatibbli mar-risultanzi in rigward tal-istess assi;

"Bl-ispejjez kontra l-attrici appellata."

Rat ir-risposta tal-attrici, li in forza taghha ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

"…tichad it-talba rikorrenti u dan dejjem salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti toghgobha timponi."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju huwa fis-sens li t-tort tas-separazzjoni kellu jigi attribwit liz-zewg partijiet minhabba differenzi karatterjali bejn iz-zewg partijiet li kkrejaw diffikultajiet fiz-zwieg u mhux minhabba l-agir allegatament vjolenti tal-appellant.

Ghalhekk dan l-appell huwa stedina lil din il-Qorti sabiex taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti u huwa principju stabbilit li mhux normali li din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-ewwel Qorti jekk ma jkunx hemm raguni gravi sabiex isir dan bhal meta jkun hemm zball manifest li jkun ippregudika lill-parti jew ohra.

Hawn l-aggravju huwa fis-sens li dak li l-Qorti kkonkludiet dwar ta' min kien it-tort tas-separazzjoni mhux sorrett mill-atti processwali u kompatibbli mar-rizultanzi tal-istess fl-assjem taghhom. Dan fis-sens li qed jinghad li l-ewwel Qorti qaghdet biss fuq ix-xhieda tal-attrici waqt, li fuq il-kwistjoni ta' vjolenza attribwita lill-appellant hemm biss ix-xhieda ta' binhom George, li jidher u fil-fatt jirrizulta li kellu konflitt mal-appellanti minhabba li huwa jallega li l-appellant kien strett wisq mieghu tant li huwa kien ihossu li kien qed jigi mkasbar.

F'dan il-kuntest l-appellant jaghmel riferenza ghal xhieda tal-istess appellata li tghid li fil-fatt binha George "qatt ma nizzilha" li gewwa d-dar tieghu l-appellant kien jikkmanda hu u ghalhekk kienu spiss jargumentaw.

Din il-Qorti ezaminat il-process kollu, inkluz il-provi kollha prodotti, u thoss li l-konsiderazzjonijiet li saru mill-ewwel Qorti fis-sentenza juru li effettivament ma sarx apprezzament tax-xhieda kollha prodotta, tant li l-kwistjoni ta' responsabilita` tas-separazzjoni giet ikkunsidrata biss f'paragrafu wiehed li effettivament skarta ghal kollox ix-xhieda tal-appellanti.

F'dan il-kuntest din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li ssostni l-appellata li tallega li l-appellant kien dejjem fis-sakra u li dan kien iwassal ghal vjolenza, izda din allegazzjoni fil-verita` ma hija bl-ebda mod korroborata u lanqas sorretta mill-provi, u dan meta kien oneru taghha li tipprova dak li kienet qed tallega.

Filfatt jirrizulta li la darba saret din l-allegazzjoni li l-appellant kien hekk vjolenti fuq kollox minhabba allegata problema ta' xorb zejjed, dan kellu b'xi mod jigi

kkorroborat, izda dwar dan l-allegat vizzju tal-appellant ma hemm assolutament xejn sabiex isostni l-allegazzjoni tal-appellata f'dan ir-rigward.
Il-Qorti qed tiehu diversi fatturi fil-konsiderazzjonijiet taghha nkluz riferiment ghax-xhieda tal-appellata li hija kontradetta mix-xhieda tal-appellant li kien dejjem konsistenti u dejjem cahad li dan kien il-kaz ghaliex sostna li huwa ma kellu l-ebda problema ta' xorb. Il-konflitt ma' martu kien, skont hu, dovut ghar-raguni li hija kienet tfittex li taghmel argument fuq kollox, u meta hu jmur id-dar kien isibha *chatting* fuq il-*computer* u jibda l-inkwiet bejniethom.

Dawn il-konflitti kienu jinkludu dak dwar l-allegat komportament tal-missier ma' ibnu ghaliex jirrizulta li l-partijiet ma kienux jaqblu kif il-missier kien jew kellu jmur ma' binhom, b'dan li l-omm kienet thoss li l-appellant kien dixxiplinarju wisq filwaqt li l-appellant kien ihoss li l-kelma tieghu kienet kull darba u f'kull haga qed tigi mminata meta huwa kien qed jagixxi biss sabiex binhom isegwi edukazzjoni ahjar minn tieghu kif jidher li fil-fatt sar.

Ma hemmx dubbju li hemm mod u mod kif titratta mal-ulied, u llum bhal dejjem dan huwa punt sensittiv hafna, li ghandu jigi ezaminat minn kaz ghal kaz, u filwaqt li din il-Qorti tikkundanna bla riserva kull tip ta' agir vjolenti jkun ta' liema natura jkun, f'dan il-kaz l-provi juru li verament il-missier (bhall-omm) ghamlu minn kollox, minkejja d-divergenzi ta' bejniethom, sabiex uliedhom jkollhom l-ahjar li jista' jkollhom fil-hajja, ghalkemm il-koppja mhux dejjem qablet kif kellu jsir dan.
Haga wahda hija pero` certa: li bhala genituri t-tnejn ppruvaw jimxu fl-interess ta' uliedhom, izda kien hemm differenzi bejniethom ta' natura karatterjali, li anke dahhlu fuq dan il-punt, li wasslu sabiex huma bhala fatt infirdu ghaliex hadd minnhom ma ried icedi, u dan juri sfortunatament inkompatibilita` ta' karattru bejn il-partijiet li allura ghamel il-konvivenza taghhom impossibbli.

F'dan l-isfond jinghad li mill-provi jirrizulta li zgur li matul iz-zwieg taghhom l-appellant ikkontribwixxa sew sabiex ghallem lill-uliedu, sabiex ghammar sew ir-residenza

tieghu, u wkoll sabiex stabilixxa negozju, u jidher li l-kunflitt bejn il-partijiet sehh minhabba n-nuqqas ta’ qbil fuq l-attegjament differenti tal-omm u l-missier lejn binhom, u dan wassal sabiex bdew jinqalghu iktar kwistjonijiet litteralment fuq ix-xejn, li, jekk dawn thallihom hemm u jibdew isiru ta’ spiss, jikbru sakemm dan wassal sabiex l-appellata qabdet u telqet mid-dar konjugali.

Din il-Qorti thoss li dan kollu ma inghatax il-konsiderazzjoni misthoqqa fis-sentenza hawn appellata, tant li x-xhieda kollha tal-appellant giet ghal kollox injorata, xhieda li taghti stampa ghal kollox differenti minn dak li taghti l-appellata.

Mhux hekk biss, izda jirrizulta li ma ttehidx qies tax-xhieda ta’ David Burke u Emmanuel Vella li kategorikament xehdu li l-appellant qatt ma kellu problema ta’ xorb zejjed jew ta’ vjolenza, u dan huwa kkorroborat mill-fatt li l-ebda tracci ta’ vjolenza ma gew murija lil Qorti, la fuq l-ambjenti fejn din allegatament saret, u lanqas fortunatament fuq il-persuna tal-appellata, li ma esebiet l-ebda certifikat mediku u lanqas rapporti lill-Pulizija f’dan ir-rigward.

Illi jirrizulta wkoll li hemm ix-xhieda tat-Tabib Vincent Moran (fol. 448) li qal bl-iktar mod skjett u car li l-appellant sakemm jafu hu qatt ma kellu problema ta’ xorb u t-testijiet li huwa medikament ikkonduca kienu juru li r-rizultat ta’ dawn kien li l-appellant ma kienx alkaholiku.

L-istess jinghad dwar ix-xhieda ta’ David Burke (fol. 443) li jixhed li sa fejn jaf jidher li kien hemm konflitt bejn il-partijiet ghaliex kienu jikkontradixxu lil xulxin ghaliex kienu t-tnejn nervuzi u jekk wiehed jghid kelma l-ohra tirrispondi jew *vice versa*. Tal-istess portata hija x-xhieda ta’ Emanuel Vella (fol. 449)

Fid-dawl ta’ dan kollu l-ewwel aggravju qed jigi milqugh biss fis-sens li qed jigi ritenut li s-separazzjoni sehhet minhabba inkompatibilita` ta’ karattru bejn il-partijiet li rrenda l-konvivenza bejn il-partijiet impossibbli. Dan qed jinghad ghaliex lanqas hija plawsibbli r-rikjesta tal-

appellant li, fuq dak li huwa stess qal, it-tort tal-firda jigi attribwit kollu lill-appellata.

Stabbilit dan, din il-Qorti ser tinvesti r-raba' aggravju fejn l-ewwel Qorti ddikjarat li l-appellant iddekada mid-drittijiet tieghu *ai termini* tal-**Artikolu 48 (1) (a) (b) u (d) tal-Kap. 16.** Fil-fatt in vista ta' dak li gie ritenut dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti qeghdha ukoll tilqa' dan l-aggravju peress li dak deciz dwar l-ewwel aggravju b'din id-decizjoni ma jwassalx ghal tali dekadenza.

It-tieni aggravju huwa fis-sens li l-attrici ma ghandhiex tigi mantnuta mill-appellanti. Jinghad li l-premess pronunzjament ta' tort reciproku tal-partijiet ghar-ragunijiet imsemmija ma jwassalx sabiex l-appellata titlef id-dritt taghha ta' manteniment u allura fuq dan il-punt l-appellant zgur ma ghandux ragun.

Fuq il-punt li l-appellata kienet tahdem u kienet anke tippercepixxi introjtu ta' cirka €1,025 bejn Jannar 2009 sa Gunju 2010 jinghad li dan huwa minnu u jidher ukoll li ma hemmx raguni valida ghaliex l-attrici waqfet minn tali impjieg (fol. 173).

Ma' dan jinghad li ma hemmx dubbju li, in vista tal-istat tal-Ligi llum bl-emendi tal-**Att XXI tal-1993,** il-mara ghandha terfa' l-piz taghha sabiex tmantni lilha nfisha (**Doris Tabone v. Carmelo Tabone** A.C. – 15 ta' Dicembru 1997). Fil-fatt hekk qed taghmel ghaliex jidher li llum hija ghanda introjtu ta' €329.81 fix-xahar, u tenut kont tal-introjtu li ghandu l-appellant anke skont il-kalkoli li mexa fuqhom l-espert komputista William Spiteri Bailey, fejn l-introjtu tal-appellant jidher li jvarja bejn €12,492 u cirka €8,000 ghal dawk is-snin hemm indikati, jirrizulta li l-mantiment tal-appellata fl-ammont ta' €250 fix-xahar ghaliha u €150 fix-xahar ghal minuri huwa gustifikat fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Wara li kkunsidrat dan kollu, din il-Qorti thoss li bir-rispett ghandha tirrimarka li decizjonijiet bhal dawn li hemm fil-kaz odjern jixraqilhom konsiderazzjonijiet u trattament profond, almenu fis-sens li ghandu jigi spjegat b'mod car

it-tragitt tal-kawza u li ghandu jkun hemm motivazzjoni spjegata li taghti aditu ghal dak sottomess mill-partijiet b'mod li wiehed jifhem fid-dawl tal-provi kollha prodotti kif il-Qorti waslet ghal konkluzjonijiet raggunti minnha. Fuq kollox kull parti ghandha tkun taf li effettivament is-sottomissjonijiet u x-xhieda taghha giet mismughha u kkunsidrata b'dan li fl-ahhar mill-ahhar tkun decizjoni motivata fuq l-istess li taghlaq il-pendenza bejn il-partijiet. F'dan il-kuntest ix-xoghol tal-ewwel Qorti huwa wiehed mill-iktar vitali u mportanti fl-amministrazzjoni shiha tal-Gustizzja.

Konsiderat dan kollu, fil-kuntest ta' dan l-aggravju, din il-Qorti thoss li l-ammont ta' manteniment iffissat mill-ewwel Qorti kien wiehed li baqa' kwazi konstanti tul il-kawza kollha sa mill-ewwel digriet ghal manteniment *pendente lite* moghti (ara digriet datat 28 ta' Settembru 2006 – fol. 7) sakemm inghatat is-sentenza mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti thoss li tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz u l-introjtu taz-zewg partijiet il-manteniment kif l-ewwel Qorti pprovvdiet ghalih kien korrett. B'hekk dan l-aggravju qed jigi michud.

Dwar it-tielet aggravju jirrizulta li l-kwistjoni principali hija dwar il-valutazzjoni tal-hanut datata 10 ta' Ottubru 2008 (fol. 430) li l-Perit Mario Cassar indika li jiswa €170,000 mentri hemm varji stimi *ex parte* li jindikaw il-valur tal-istess fl-ammont ta' €46.500 mid-Dhalia Real Estate Limited (Dok. "NV 3" – fol. 158), ta' €46,000 mill-Perit Joseph Zerafa Boffa (Dok. "NV 1" - 25 ta' April 2008 - fol. 155) u minn Ludovico Micallef fl-ammont ta' €46,500 (14 ta' Novembru 2007 – Dok. "NV2" – fol. 157) . F'dan il-kuntest din il-Qorti qed taghmilha cara li qed taghmel riferenza biss ghad-dokumenti esebiti quddiem l-ewwel Qorti u qed tordna l-isfilz tad-dokumenti konsistenti fi stimi u pjanti li gew esebiti biss quddiem din il-Qorti ghaliex dan ma ghandux jithalla jsir sakemm ma kienx possibbli li tali provi jsiru quddiem l-ewwel Qorti, li mhux il-kaz odjern.

Il-kwistjoni tkompli tikkomplika ruhha meta jirrizulta li l-espert komputista William Spiteri Bailey, li kien l-uniku espert nominat mill-Qorti sabiex jaghmel stima tal-

avvjament tal-hanut, jidher li mexa fuq valutazzjoni tal-proprjeta` bhala binja fuq l-ammont proprju ta’ €46,000 u mieghu zied il-valur tal-*goodwill* ta’ €23,406 li wassal ghal ammont totali ta’ €69,406 u dan kif jidher mir-rapport minnu pprezentat fis-17 ta’ Awwissu 2010 (fol. 189). Dan ir-rapport ma giex kontestat mill-partijiet, tant li Dr. Kris Busietta ghall-attrici fis-seduta tat-3 ta’ Dicembru 2010 irrinunzja ghat-talba sabiex jeskuti lill-Perit Komputista (fol. 211).

Minn dan jidher li l-istess rapport tal-uniku espert inkarigat mill-Qorti jikkuntrastra sew mal-valutazzjoni li ghamel il-Perit Tekniku Mario Cassar f’rapport pprezentat bhala Dok. “MC 1” li gie inkarigat miz-zewg partijiet, izda mhux bhala perit tal-Qorti, u dan ir-rapport gie pprezentat ferm qabel dak tal-komputista datat 17 ta’ Awwissu 2010 (fol. 189).

Jidher li dan kollu gie rilevat mill-appellanti fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu quddiem l-ewwel Qorti datata 9 ta’ Gunju 2011, izda ghalkemm hemm stimi varji fuq l-istess hanut, li wkoll l-ewwel Qorti semmiet fis-sentenza taghha, jidher li giet adottata l-istima tal-Perit Tekniku Mario Cassar ghaliex il-partijiet kienu qablu li jinkarigaw l-istess perit sabiex jaghmel stima tal-immobbli. Dan minkejja li jirrizulta car min-nota ta’ sottomissjonijiet li l-appellant ma kienx qed jaqbel ma’ tali stima.

Ma hemmx dubbju li dan mhux il-mod kif kellha tigi kondotta l-kawza fuq dan il-punt, u dan qed jinghad minn kull lat. Id-divergenza fil-valuri tal-hanut hija wahda sostanzjali, u l-istess jista’ jinghad dwar l-ghalqa f’Benghajsa fejn l-istima tal-Perit Mario Cassar hija dik ta’ €70,000 filwaqt li l-oghla stima ohra pprezentata *ex parte* hija dik ta’ €35,000.

Dwar l-ghalqa din il-Qorti thoss li ghandha timxi fic-cirkostanzi tal-kaz fuq ir-raggunament tal-ewwel Qorti ghaliex ma kienx hemm espert tekniku nominat minnha sabiex jaghmel xi forma ta’ stima – anke jekk hemm divergenzi bejn il-partijiet fuq l-istess li kienu ovvji.

Dwar il-hanut, il-problema hija iktar komplikata ghaliex f'dan il-kaz hemm rapport tal-komputista li mexa fuq stima ta' perit *ex parte* li l-attrici kienet qablet mieghu u fl-ebda stadju ma kkontestat, la bl-eskuzzjoni u lanqas b'talba ghal periti perizjuri, u dan kien l-uniku espert inkarigat mill-Qorti. F'dan il-kaz l-argument tal-appellata, fejn tghid li kemm-il darba l-appellant ma qabilx mal-valutazzjoni tal-Perit Mario Cassar u li allura messu talab in-nomina ta' periti perizjuri, ma jreggix ghaliex precedentement ma kienx hemm nomina ta' xi perit.

Jinghad li dan kollu ma kellux jasal quddiem din il-Qorti f'dan l-istat, ghaliex la darba kien hemm tali divergenzi kellha ssir nomina ta' perit mill-Qorti; setghet ukoll issir talba ghal periti perizjuri wara r-rapport tal-perit komputista mqabbad mill-Qorti jekk kien hemm xi hadd li ma kienx jaqbel ma' dak hemm stmat, li kien jinkludi l-avvjament u wkoll il-valur tal-proprjeta`. Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li ma tistax fic-cirkostanzi tal-kaz tinjora d-divergenza qawwija fl-istima tal-hanut minn diversi periti, u peress li jidher li l-maggoranza ta' stimi sottomessi quddiem l-ewwel Qorti jimxu fuq l-istima li mexa fuqha l-perit komputista nominat mill-Qorti din il-Qorti qed taddota l-valur hemm indikat ta' €69,406.

Dan ifisser allura li din il-Qorti qed tikkonferma li l-appellata ghandha tigi assenjata d-dar matrimonjali "Croydon", Government Housing Estate, Birzebbuga b'valur stmat ta' €200,000, b'dan li din il-Qorti anke f'dan il-kaz mhux qed timxi fuq l-istima tal-imsemmi perit izda fuq *average* tal-istimi l-ohra pprezentati; il-konvenut ghandu jigi assenjat il-hanut "Croydon", St. Edward Street, Birzebbuga stmat li jiswa €69,406 u l-ghalqa denominata "Tar Ranzija" limiti Birzebbuga stmata li tiswa €70,000.

Billi il-valur tal-immobbli allura hekk assenjati lill-appellant huwa dak ta' €139,000, dan ifisser li l-appellata ghandha thallas lill-appellant bhala ekwiparazzjoni l-ammont ta' €61,000 u dan ghandu jsir fi zmien erba' (4) snin mid-data ta' din is-sentenza.

Mill-bqija, din il-Qorti qed tikkonferma d-divizjoni maghmula mill-ewwel Qorti fuq l-oggetti l-ohra kollha indikati fl-ewwel sentenza.

Ghalhekk din il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt li tichad it-tieni aggravju izda qed tilqa’ l-aggravji l-ohra fl-appell maghmul mill-appellanti biss fis-sens hawn deciz, b’dan li qed tirriforma d-decizjoni appellata fl-ismijiet premessi fis-sens li filwaqt li tikkonfermaha dwar dak li pprovdiet dwar it-tieni, t-tielet u s-sitt talba attrici, tirrevokaha u tvarjaha dwar dak li pprovdiet dwar l-ewwel talba attrici, b’dan li minflok qed tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti minhabba inkompatibilita` ta’ karattru li rrenda l-istess konvivenza ta’ bejniethom impossibbli b’dan li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment; dwar ir-raba’ talba din qed tigi michuda ghaliex ma hemmx lok ta’ dekadenza tal-appellant kontemplata taht l-**Artikolu 48 (1) (a) (b) u (d) tal-Kap. 16,** u dwar il-hames talba issegwi l-assenjazzjoni provduta mill-ewwel Qorti, b’zieda li in vista ta’ dak hawn deciz, l-appellata ghandha thallas lill-appellant bhala ekwiparazzjoni l-ammont ta’ €61,000 u dan ghandu jsir fi zmien erba’ (4) snin mid-data ta’ din is-sentenza.

Bl-ispejjez taz-zewgt istanzi jithallsu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------